**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 90/2014 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 25**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurat taghha Claudine Grech u l-istess Claudine Grech,**

**50, Ta' Xbiex Seafront,**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, Sa Maison Road, Floriana**

**Kunsill Lokali Mellieha, 126, Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Frar, 2014 li permezz taghha talab minghand il-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' sitt mija u sitta u sebghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€676.28c) in kwantu ghall-ammont ta' sitt mija wiehed u ghoxrin ewro tmienja u ghoxrin centezmu (€621.28c) is-socjeta attrici Atlas Insurance PCC Limited u in kwantu ghall-ammont ta' hamsa u hamsin ewro (€55) l-istess Claudine Grech hallset in linea ta' 'excess payment' u dan rizultat ta' incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Dahlet ix-Xmajjar, Mellieha fl-14 ta' April, 2012 meta

waqt li Reuben Grech kien qed isuq l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCI 282 proprjeta' tal-attrici Claudine Grech saq minn fuq 'pothole' li kienet tinsab fl-imsemmija triq ghal liema triq il-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghal manutenzjoni taghha.

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta (fol 7) li permezz taghha eccepiet li hija mhix l-legittima kontradittrici stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza tal-Awtorita' intimata; li minghajr pregudizzju tas-suespost l-Awtorita' intimata tirrispingi l-pretenzjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; sal-eccezjonijiet ohra.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut a fol 10 li permezz taghha eccepixxa li l-Kunsill qed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti stante li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur; li bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jridu jippruvaw in-ness bejn l-event dannuz u l-allegata nuqqas tal-Kunsill esponenti; li fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-responsabbilita' ghall-akkadut hija tar-rikorrenti Claudine Grech jew tas-sewwieq tal-vettura fil-mument tal-incident; li fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat in via ta' danni huwa eccessiv u mhux gustifikabbli.

Ra x-xhieda ta' Nicholas Baldacchino a fol 19 et Legal Support Manager fi hdan id-Direttorat ghall-Infrastruttura u Toroq fi hdan l-Awtorita' konvenuta li xehed li t-toroq arterjali u distributorji jaqghu taht il-kompetenza tal-Awtorita'. Huwa kkonferma li fejn sehh l-incident cioe' Triq Dahlet ix-Xmajjar ma jidhirx li hija triq skemata skont l-iskeda tal-MEPA. Mistoqsi jghid jekk il-manutenzjoni u asfaltar ta' din it-triq taqax taht ir-responsabilita' tal-Kunsill konvenut Baldacchino wiegeb li wiehed ahjar jirreferi ghal-ligi sabiex ikun jivverifika dwar dan.

A 37 et Baldacchino kompla jixhed li huwa jaqbel li l-Awtorita' tkun responsabbli unikament minn l-asfaltar inizjali ta' din it-triq ghaliex dak li jirrigwarda l-manutenzjoni taghha sussegwenti dak isir mill-Kunsill Lokali rispettiv. Huwa sostna li l-Awtorita' tafalta dawk it-toroq li jkunu gew imfassla hawn Malta li jkunu parti mill-iskema rilaxxata mill-MEPA altrimenti ma jkunux rikonoxxuti minn l-Awtorita' konvenuta. Huwa kkonferma li jkun hemm cirkostanzi fejn l-Awtorita' tiehu hsieb dan ix-xoghol ta' asfaltar hi meta kien responsabbli l-Kunsill madanakollu meta isir hekk imbaghad l-Awtorita' titlob rizarciment minghand il-Kunsill Lokali. Meta muri r-ritratti tat-triq fejn

sehh l-incident fol 29 sa 32 Baldacchino wiegeb li huwa evidenti minn dawn ir-ritratti li din hija triq rurali. Kien hemm zmien xehed li dawn it-toroq rurali kienu jinghataw il-konkos u mhux asphalt minn Ministeru li kien responsabbli mill-Biedja u Said u kien hemm zmien meta dawn it-toroq rurali kienu jinghataw l-konkos mill-Ministeru responsabbli mill-Biedja u Sajd.

A fol 104 Baldacchino in kontro-ezami xehed li t-triq fejn sehh l-incident hija triq li parti minnha hemm xi bini u hija schemed u l-parti l-ohra fejn gara l-incident hija parti stradali fejn hija go art rurali jigifieri fejn hemm ir-raba. It-triq hija maghmula minn hamrija etc u qatt ma giet iffurmata jew asfaltata minhabba l-fatt li hija triq tintuza biex taccessa ghal raba li hemm fl-inhawi. Ir-responsabilita' ta' toroq bhal din hija tal-Ministeru tal-Agrikoltura.

A fol 109 Baldacchino pprezenta lista ta' toroq arterjali u distributorji li tiehu hsieb l-Awtorita' konvenuta u din it-triq mhix wahda minnhom. Huwa rrefera ghal Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta u li skont hu tali Kap jghid li t-toroq li huma arterjali u distributorji jaqghu taht l-Awtorita'. Dawk immarkati bl-ahdar jaqghu that ir-responsabilita' tal-Gvern centrali u t-toroq l-ohra kollha jaqghu taht il-Kunsill Lokali .

A fol 42 et xehed Pio Farrugia Assistent Direttur fi hdan id-Direttorat tal-Gvern Lokali, li kkonferma li la triq tkun asfaltata din taqa' awtomatikament taht ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali u meta mistoqsi dwar Triq Dahlet ix-Xmajjar il-Mellieha huwa wiegeb li ghandu bzonn pjanta biex ikun jista jixhed dwarha izda mir-ritratt li nghata u l-isem tat-triq u xehed li ghamel il-kjarifiki u sab li dawk it-toroq rurali tal-Mellieha li jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali hemm lista taghha u u din it-triq partikolari ma tirrizultax.

A fol 51 et Farrugia kompla jixhed u pprezenta pjanta tat-triq u mmarka bl-ahdar dik il-parti tat-triq cioe' madwar hames mitt metru minn din l-istess triq li taqa' taht ir-responsabbilita' tal-Kunsill konvenut (fol 57). Huwa kkonferma li l-Kunsill ihallas ghal manutenzjoni ta' din il-parti specifika tat-triq u huwa responsabbli ghal manutenzjoni taghha. Mistoqsi allura l-parti l-ohra tat-triq taht liema responsabilita' taqa' Farrugia wiegeb li huwa ma jistax jghid u li jaf huwa li r-regolatur principali huwa Trasport Malta.

A fol 53 et xehed Simon Grima Chief Officer fi hdan id-Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorita' konvenuta, li din it-triq partikolari ma hiex skemata mal-Awtorita' u hija meqjusa bhala triq rurali u meta tigi asfaltata taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.

A fol 61 et xehed Reuben Grech li kien qed isuq l-vettura LCI 282 dakinhar li sehh l-incident. Huwa ra s-sinjal li jghid Triq Dahlet ix-Xmajjar ghal Campsite fejn kien sejjer iwassal it-tifel u ghadda minnha ghax kienet tidher asfaltata. Meta dahal f'din it-triq li inizjalment kienet asfaltata u f'daqqa wahda din it-triq tispicca u bdiet triq imharbta u ghadda minnha u kien hemm li sar l-incident. Huwa indika fuq fol 28 bhala 'X' fejn sehh l-incident. Huwa hass il-karozza tieghu donna ser tinqaleb ghax l-art cediet taht il-vettura, baqa' jsuq u imbaghad l-magna bdiet taghmel hoss ikrah u meta hares lura fil-mera ra li kien qed ihalli linja ta' zejt wara l-vettura.

A fol 100 et in kontro-ezami Grech xehed li t-triq kienet semplicement ma kienx fiha tarmac u ghax kienet imharbta li ma tghaddix minnha. Huwa kkonferma li saq xi ghaxar metri wara li hass il-hoss fil-karozza u dan ghamlu sabiex ma jinqalibx u jwegga hu u ibnu. Kif ghadda minn fuq it-triq il-karozza issaljdjat il-wicc tat-triq u l-furrow li kien hemm kien forsi wiesa daqshekk twessa u kienet ser tinqaleb l-karozza bih u t-tifel.

A fol 67 et xehed Carmel Debono Segrtarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill tal-Mellieha, u sostna li fejn sehh l-incident Triq Dahlet ix-Xmajjar hija 'dirt track' u qatt ma inghatat asphalt u generalment ikun id-Dipartiment tal-Agrikoltura li jiehu hsieb il-manutenzjoni taghhom. Huwa kkonferma li l-Kunsill ta l-isem lil din it-triq li gie indikat fil-Gazzetta tal-Gvern b'mod ufficjali. Huwa kkonferma li ghamlu talba ghall-asfaltar lil din it-triq u toroq ohra, lil Transport Malta izda tali talba ghadha pendenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Li fil-kaz de quo l-kwistjoni hija dwar min hu responsabbli ghad-danni subiti mill-attur meta ghadda minn Triq Dahlet ix-Xmajjar, Mellieta fl-14 ta' April, 2012 u cediet it-triq u ghamel hsara fil-vettura tieghu LCI-282. Il-Kunsill jikkontendi li la t-triq ma kienetx asfaltata din mhix responsabilita' tieghu u l-Awtorita' tikkontendi li la din il-parti hija triq mhix asfaltata hija triq fir-raba u ghalhekk responsabilita' ta' min hu responsabbli mill-Biedja. Huma jikkwotaw l-Kap 363 senjatament l-Artikolu 33(1) li jghid li l-Kunsill Lokali huwa responsabbli ghat-toroq li nghatalhom il-wicc u f'dan il-kaz t-triq mhux kollha kellha wicc.

It-Tribunal ser jghaddi biex taghmel referenza ghall-provedimenti tal-ligi. L-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta):-

Artikolu 2: "triq" tinkludi kull triq, sqaq, misraħ, pont, xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku."

Artikolu 33: "(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:

(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata: Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;

(d) li jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skont livelli nazzjonali u internazzjonali;

(2) toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.

Ir-Raba' Skeda ta' dan l-Att teskludi mir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali it-"toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali."

L-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi kif gej dwar is-setghat u l-funzjonijiet taghha fir-rigward tat-toroq:

Artikolu 7: "Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-Artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bil-ferrovija:

(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provediment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġja u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:

Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità;

(j) li tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza s-sinjali jew tabelli tat-traffiku fit- toroq, marki fit-toroq u miżuri għall-ikkalmar tat-traffiku, l-istallazzjoni ta' apparat għall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jaħdem bid-dawl, il-kostruzzjoni ta' stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta' cameras tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku fit-toroq għal skopijiet ta' immaniġġar u kontroll tat-traffiku;"

L-Avviz Legali 29 tal-2010 kif emendat (Regolmenti tal-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq) jipprovdi:-

Regolament 2: "triq lokali" tfisser triq pubblika li ma tkunx triq arterjali jew triq distributorja."....."manutenzjoni ta' rutina f'toroq" tfisser azzjonijiet li jittiehdu fuq bazi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinzammu fi stat sigur u tajjeb ghall-uzu, azzjonijiet li jittiehdu biex fejn possibbli triq ma tithalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li

jittiehdu biex il-wicc ta' triq u l-gnub taghha jingiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, izda mhijiex limitata ghal, mili ta' hofor..... "

Regolament 3: "(1) L-Awtorità ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriza, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:

Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali".

Maghdud ma' dan, mid-dokument dwar it-toroq arterji u distributorji ta' Malta mahrug mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u prezentat in atti mir-rapprezentant tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta jirrizulta li l-Pjan tal-Istruttura kien identifika liema huma t-toroq distributorji u arterjali. Skont dokument NB1 (fol. 21et), pubblikat mill-Awtorita' tal-Ippjanar, dawn it-toroq huma murija f'pjanta annessa mal-Pjan ta' Struttura.

Hu ghalhekk evidenti li ghal dik li hija manutenzjoni, toroq arterjali u distributorji huma fir-responsabbilta' tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Min-naha l-ohra t-toroq ohra jaqghu taht il-kappa tal-Kunsill Lokali.

Ma jirrizultax li t-triq fejn sehh l-incident hija triq skemata skont din l-iskeda tal-Awtorita' tal-Ippjanar izda jirrizulta li l-isem tat-triq inghata mill-Kunsill Lokali konvenut u giet ufficjalment mghammda meta isem it-triq deher fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern.

In vista tal-abdikazzjoni da parte kemm tal-MEPA kif ukoll tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta mid-doveri taghhom illi jindikaw b'mod car u minghajr ekwivoku u fuq bazi ricenti t-toroq arterjali u distributorji in operazzjoni f'Malta u Ghawdex, specjalment meta jidher li ma hemmx ko-ordinazzjoni bejnhom u bejn min jaghti isem lil triq, it-Tribunal ser ikollu jaghmel il-kostatazzjonijiet taghha, abbazi tar-regolamentazzjoni fuq indikata, sabiex tikkunsidra jekk Triq Dahlet ix-Xmajjar ghandhiex tkun indikata bhala

triq arterjali jew distributorja jew jekk ghandhiex titqies bhala triq taht il-kompetenza tal- Kunsill Lokali tal-Mellieha.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal m'huwiex il-kompitu tal-Qrati jikklassifikaw it-toroq. It-Tribunal josserva li:-

i. it-triq fejn sehh l-incident inghatat l-isem mill-Kunsill konvenut u tali triq giet ufficjalment mghamda meta l-isem deher fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern;

ii. li t-triq hija parti asfaltata u parti le. Ir-ritratti a fol 29 et ritratti juri bic-car li l-art fejn gara l-incident mhix asfaltata.

iii. li l-lista tat-toroq responsabbli minnhom il-Kunsill konvenut a fol 46 et u li minnhom it-triq fejn sehh l-incident ma tirrizultax.

iv. li tali triq giet mghamda ufficjalment meta ghadha ma hiex skemata mill-Awtorita tal-Ippjanar kif suppost sar.

v. L-Avviz Legali 29 tal-2010 kif emendat (Regolmenti tal-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq) jipprovdi:-

Regolament 3: "(1) L-Awtorità ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriza, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:

**Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali".**

v. li ghalhekk jirrizulta car lil dan it-Tribunal l-fatt li kien il-Kunsill konvenut li ha l-inzijattiva sabiex jaghmel din il-moghdija triq u kif xehed is-Segretarju tal-istess Kunsill, il-Kunsill applika ghal fondi minghand l-Awtorita' sabiex ikun jista jaghmel manutenzjoni ghal tali triq izda qatt ma irceva xejn minghand l-Awtorita'.

vi. li minflok il-Kunsill ghalaq it-triq huwa halla t-triq miftuha fil-kundizzjoni dizastruza li tinsab fiha.

vii. li anke l-Awtorita' giet taqa' u tqum mill-periklu li jista jkun hemm f'din it-triq u lanqas biss irrispondiet ghat-talba tal-istess Kunsill.

Maghmulin dawn l-osservazzjonijiet it-Tribunal iqis li:-

1. Il-klassifikazzjoni ezistenti tat-toroq arterji u distributorji fil-perjodu tal-incident in kwistjoni jappartjeni lill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar kif jirrizulta mill-Pjan ta' Struttura ghall-Gzejjer Maltin ta' l-1992. L-ahhar dokument pubblikat bil-pjanti skont il-lokalita' huwa f'Awwissu, 1999.

2. Anke jekk ma ttiehdux passi biex din il-klassifikazzjoni tigi aggornata minn zmien ghal zmien fid-dawl tal-izviluppi magguri li sehhew fit-toroq Maltin mis-snin disghin 'l hawn, dan l-ezercizzju m'huwiex ta' kompetenza tal-Qrati. Dan it-Tribunal ghalhekk ma ghandu jiddetermina x'tip ta' triq hija Triq Dahlet ix-Xmajjar, Mellieha.

3. Li mehuda l-provi kollha prodotti in linea mar-responsabilita' ta' kull wiehed mill-konvenuti ghar-rigward it-triq fejn sehh tal-incident, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli solidalment ghal hsarat kagonati lill-attur.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u sebghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€676.28c) bl-imghax legali b'effett mis-06 ta' Jannar, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenuti in solidum.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**